MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013

Numru. 860/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**RAYMOND ABDILLA**
**EMANUEL MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati RAYMOND ABDILLA ta’ erbgha w erbghin (44) sena, bin Carmel u Mikelina nee’ Farrugia, mwieled iz-Zurrieq fil-5 t’April, 1958 u residenti gewwa ‘St. Joseph’, Flat 2, Triq Carmelo Dimech, Mosta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 279358M, u EMANUEL MICALLEF ta’ disgha w erbghin (49) sena, bin Saviour u Therese nee’ Caruana, mwieled Qormi fil-15 ta’ Novembru, 1953 u

residenti gewwa ‘Tigi Saltnatek’, Triq il-Bies, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ numru 835553M, tressqu quddiemha akkuzati :

1. Talli fl-4 ta’ Lulju, 2002, u f’dati precedenti, fil-Mosta u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, ghamlu uzu xjentement, ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi MK li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhlu deskrizzjoni kummercjali falza, jew bieghu, zammew jew importaw ghal hsieb ta’ kummerc, ammont ta’apparat jew accessorji tal-elettriku, b’marka, sinjal jew emblema mxebbha.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli w cioe’ ammont t’apparat jew accessorji ta’ l-elettriku, bi skur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur ta’ persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha.

3. B’hekk jitqiesu li operaw minghajr licenzja.

Il-Qorti giet mitluba biex b’kaz ta’ htija tal-imputati, tikkundanna lil RAYMOND ABDILLA u EMANUEL MICALLEF ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati, Fedini Penali w Kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat li nhar l-14 ta’ Frar, 2003 xehed l-**Ispettur Joseph Cordina** li ddikjara li f’April tas-sena 2002 kienu rcevew complaint minghand certu Joe Camilleri ghan-nom ta’ ITC Company Limited tal-Blata l-Bajda, fejn qal li fis-suq kienu qed jinbieghu prodotti relatati mal-elettriku bil-marka MK, li pero’ kienu foloz. Dan insista li hu l-uniku mportatur ta’ din id-ditta f’Malta w li pero’ kien sar jaf li certu Raymond Abdilla kien qed ibiegh minn dawn il-prodotti, anke foloz, u

li x'aktarx kienu qed jitqassmu f'Malta mill-kumpanija Master Electric. Sostna li li l-kumpanija tieghu kienet ghamlet kwerela w kellha prokura minghand il-kunpanija estera MK, liema prokura giet murija lilu (x-xhud) mill-avukat tal-kwerelant Dr. Michael Tanti Dougall. Ix-xhud kompla jghid li Camilleri kien qallu li kien xtara xi ftit minn dawn il-plakek biex jidentifika xi differenzi, w fil-fatt kien anke tela' bihom l-Ingilterra ghand il-Mother Company stess, fejn ikkonfermawlu li dawn kienu foloz.

Hawnhekk bdiet l-investigazzjoni dwar Raymond Abdilla, fejn hareg li dan ghandu hanut taz-zebgha gewwa 'Melita', 51, St. Catherine Street, Zurrieq kif ukoll li hu sid ta' bini li ghadu qed jinbena li jinsab fl-indirizz 'Id-Duluri Stores', Triq Duranblat, Mosta. Kompla li nhar l-4 ta' Lulju, 2002 saret tfittxija f'dawn iz-zewg postijiet fejn fil-post tal-Mosta nstabu tlieta w erbghin kaxxa (43) kbar tal-kartun mimlijin bil-prodotti tal-MK, filwaqt li fiz-Zurrieq ukoll gew elevati xi prodotti simili.

Ix-xhud iddikjara li fl-istess jum gie mitkellem Raymond Abdilla li wara li nghata s-solita twissija rrilaxxja stqarrija, li giet esebita fl-atti w immarkata bhala Dok JC, konsistenti f'zewg faccati (fol. 29 u 30). L-Ispettur Cordina gharaf il-firem tieghu, dik ta' PS 130 Ivan Cilia, kif ukoll dik tal-imputat Abdilla fuq l-istess stqarrija. Abdilla kkonfermalu li huwa self-employed u li ghandu hanut taz-zebgha fiz-Zurrieq u li mill-istore tieghu kienu gew elevati kwantita' ta' prodotti mmarkati MK. Mistoqsi kif wasal ghandu dan ix-xoghol, huwa wiegeb li kien xtrah minghand il-Master Electric ta' Hal-Qormi xi gimgha qabel, u li dan ix-xoghol kien hallas ghalih minn qabel u kien ghadu ma marx jigbor l-ircevuta. Abdilla ziewd li l-istess xoghol kien ghamel xi tlettax-il sena jixtrih minghand l-ITC, pero' dawn ma baqghux jissupplixxu l-istess xoghol bid-ditta MK u li ma kinux jaffordjaw ituh l-istess commission bhal qabel. Qal li wara xi zmien jitkellem ma' negozjanti ohra dwar din is-sitwazzjoni, ltaqa' ma' Manwel Micallef tal-Master Electric li qallu li seta' jipprovdilu prodotti tal-MK, basta jithallas qabel. Huwa accetta w ordna ammont ta' prodotti, li huma dawk li nstabu fil-Mosta, li skond hu bejn wiehed u iehor jiswa tlett elef Lira. Abdilla qal li kien l-istess Micallef li

wassallu x-xoghol sal-Mosta u hattewh flimkien, u ftakar li dan sar fil-jum tal-Gimgha. Ix-xhud zied li Abdilla stqarr mieghu li Micallef telaq bla ma tah ricevuta, w li hu kien ha kaxxa zghira minn kull item li xtara minghand Micallef u hadhom fil-hanut taz-Zurrieq.

Cordina tenna li staqsa lil Abdilla kienx jaf jekk il-prodotti li xtara kinux originali jew le, w dan min-naha tieghu beda jtih spjegazzjoni li kumpaniji kbar ikollhom fabbriki li jipproducu l-istess xoghol f'pajjizi differenti. Qallu wkoll li ghalih ix-xoghol ma kienx hadu bi prezz baxx. Meta mistoqsi jekk jafx lil Saviour Micallef tal-Master Electric, Abdilla stqarr li jafu. Sostna li din kienet l-ewwel darba li xtara l-prodotti tal-MK minghand Master Electric u li kien innegozja biss ma' Manwel Micallef.

Ix-xhud esebixxa wkoll ir-ricevuta li Abdilla ghaddielu sussegwentement, u li hija datata 28 ta' Gunju, 2002 u li fiha hemm lista ta' xoghol tal-elettriku ghall-valur ta' tlett elef, sebgha mija w sebgha w tmenin Lira Maltin (Lm3,787). Abdilla nsista mieghu li din hija l-ircevuta tax-xoghol li nstab fil-Mosta, ghalkemm m'hemm l-ebda ndikazzjoni li dan ix-xoghol huwa tal-marka MK. Din giet immarkata bhala Dok JC1 (a fol. 31). Esebixxa wkoll ricevuta tal-oggetti li gew elevati mill-Mosta li giet immarkata bhala Dok JC2 (f ol. 32), kif ukoll ricevuta tal-oggetti maqbuda miz-Zurrieq (Dok. JC3 a fol. 33).

L-Ispettur Cordina kompla jixhed fejn qal li nhar id-9 t'Awissu, 2002 baghat ghal Emanuel Micallef, direttur tal-kumpanija Master Electric, li wara li nghatatlu s-solita twissija rrilaxxja stqarrija ta' tliet faccati, li pero' ghazel li ma jiffirmax. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu u dik ta' PC 474 Norbert Said fuq l-istess stqarrija.

Micallef ikkonferma li hu direttur, flimkien ma' huh, fil-kumpanija Master Electric. Meta gie mistoqsi jekk il-kumpanija tieghu taghmilx ordnijiet ta' fittings tal-elettriku, huwa ghazel li ma jwegibx u lanqas ma wiegeb jekk l-ordnijiet jaghmilhomx hu jew inkella huh Saviour Micallef. Ikkonferma li kien importa xoghol tal-marka MK, ghalkemm ma qalx kemm-il darba ghamel dan. Meta gie

muri invoice li turi li f'Novembru 2001 ( a fol. 103 u 104) il-kumpanija tieghu kienet impurtat fittings tal-marka MK mic-Cina, hu spjega li dik l-invoice tirreferi ghal xiri ta' 3 pin plugs tal-marka MK li kien xtara minn Sassin International u li l-ewwel erba' oggetti ohra hemm indikati, huma accessorji pero' m'ghandhom l-ebda marka. Qallu wkoll li t-tieni grupp indikat fl-invoice huma tal-marka MIKA, li mbaghad hemm it-3 pin plugs u li sa fejn jaf hu l-KWH meter ukoll m'ghandu l-ebda marka. Ix-xhud qal li huwa nforma lil Micallef li din l-invoice kien gabha mid-Dwana w li kienet tikkorrispondi mad-dokumenti tad-dwana li juru xoghol li nxtara w gie rilaxxat fis-17 ta' Jannar, 2002, u dan qallu li hekk jidher. Meta gie mistoqsi dwar l-awtenticita' tal-prodotti, x-xhud jghid li Micallef wiegbu li ghandu dokumenti li juru li dawn inxtraw bhala MK, izda ma jafx x'jiddistingwihom minn originali jew le. Pero' x-xhud zied li din id-dokumentazzjoni qatt ma waslet ghandu ghalkemm Micallef qallu li kien se jghaddihielu. L-Ispettur Cordina kompla jghid li meta staqsa lil Micallef ghal iktar dokumentazzjoni, dan wiegbu li dawk huma dokumenti legali w li ghal ragunijiet personali kien se jipprezentahom biss fil-Qorti.

Ix-xhud zied li saru wkoll tfittxijiet fil-bini ta' Master Electric, izda ma nstabu l-ebda prodotti tal-marka MK. Esebixxa formalment it-tlieta w erbghin (43) kaxxa tal-kartun li gew maqbuda u li gew immarkati bhala Dok. JC5, kif ukoll Dok. JC6 li huma zewg kaxxi ohra, wahda kontenenti 3 pin plug wiehed u l-ohra disa' tal-marka MK. Jghid li dawn gabhom minn Archway Ironmongery fin-Naxxar ta' certu Alfred Scerri, li kien qallu li kien xtara ghoxrin (20) plug minghand Master Electric u minnhom baqaghlu ghaxra (10). Giet esebita wkoll floppy disc b'indikazzjonijiet kif wiehed jista' jaghraf il-prodotti originali minn dawk folox, Dok. JC 7, li giet mghoddija lilu minn Joe Camilleri tal-MK.

In kontro-ezami l-Ispettur Cordina qal li huwa nvestiga biss dak li jimporta l-imputat Micallef u li sa fejn jaf hu, u skond prokura murija lilu minn Dr. Tanti Dougall, huwa biss il-kwerelant li jista' jimporta prodotti tal-marka MK.

Illi nhar it-3 t'April, 2003 xehed **Dr. Michael Tanti Dougall** (a fol. 39 et seq.) li esebixxa kopja awtentikata ta' prokura mibghuta minn MK Electric Limited tal-Ingilterra, li giet immarkata bhala Dok. SD, filwaqt li wera l-original taghha lill-Qorti. Huwa kkonferma r-rapport li sar lill-pulizija cioe' li fis-suq seta' kien hemm merkanzija falza tal-MK. Iddikjara li sussegwentement huwa kien tela' fl-ufficcju tal-MK fl-Ingilterra fejn hadu xi prodotti biex jigu ttestjati ghall-awtenticita' w li sussegwentement irrizulta li ma kienux awtentici.

Illi nhar it-2 ta' Gunju, 2003 xehed il-**Prof. Joseph Agius** (fol. 44) fejn ikkonferma li hu kien gie nominat bhala espert f'din il-kawza, u li pero' ma kienx ghadu rrelata in materja. Qal li biex jaghmel komparazzjoni mas-samples moghtija lilu w li allegatatament huma foloz ikollu bzonn samples originali.

Illi l-**Prof. Joseph Agius** rega' xehed nhar is-26 ta' Jannar, 2004 (a fol. 123 et seq.) fejn esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. JA. Spjega li f'din ir-relazzjoni huwa ghamel certu kummenti fuq ritratti li ma jinsabux fil-pussess tieghu, liema ritratti ttiehdu minn PS 964 Robert Scicluna. Irritorna lura d-dokument O li huma accessorji elettrici originali li kienu gew mghoddija lilu fil-11 ta' Gunju, 2003.

Rat ir-relazzjoni tal-Professur Joseph Agius fejn fil-konkluzjonijiet tieghu jghid is-segwenti:

*"Gew konstatati numru sew ta' differenzi fl-ghamla, daqs, dettalji fid-design, fl-istil, manifattura, kostruzzjoni, 'finishing' u kulur ta l-accessorji elettrici nvestigati, illi pprovdew evidenza ragonevoli u sufficjenti sabiex twassal lill-esponent ghall-konkluzjoni li s-7 kampjuni nvestigati huma rapprezentattivi ta' lott kbir ta' accessorji elettrici falsifikati tal-marka, logo jew emblema MK, illi kienu gew maqbuda mill-Pulizija fil-Mosta fl-4 ta' Lulju, 2002.*

*Minhabba n-nuqqas ta' facilitajiet u rizorsi ma kienx prattikament vijabbli li jigu esegwiti t-testijiet elettrici, mekkanici w kimici sabiex jigu determinati b'aktar dettal u*

*ezattezza d-differenzi fil-livelli tal-kwalita' tal-manifattura w tal-materjali nvoluti fil-produzzjoni tal-accessorji elettrici falsifikati li qed jigu hawn investigati.*

*Ghal dak li jirrigwarda s-sigurta' tan-nies u l-proprjeta' kontra riskji ta' xokkijiet elettrici u wkoll konformita' mal-livelli u standards tal-kwalita' relevanti, nkluzi British Standards BS 1363, jirrizulta lill-esponent illi certi aspetti ta' manifattura addottati fil-produzzjoni tal-accessorji falsifikati bhal l-inkluzjoni ta' terminal screws ta' dijametru izghar milli mehtieg, cord grips aktar irqaq u inqas robusti u pins ta' safety plugs li ma jiffittjawx tajjeb bizzejjed fis-sockets rispettivi. Dan kollu zgur m'ghenx biex jinzamm il-livell tas-sigurta' ta' dawn l-accessorji ghalkemm seta' serva sabiex l-ispiza tal-produzzjoni tinzamm baxxa w biex izid il-profitt.*

*Ikun ta' relevanzi w l-esponent ukoll qed jirrakomanda illi jigu pprovduti r-rizorsi u l-facilitajiet sabiex ikunu jistghu isiru t-tests elettrici, mekkanici u kimici msemmija mill-esponent sabiex ikun jista' jigi determinat fid-dettal u b'aktar certezza l-estent tal-falsifikazzjoni tal-accessorji elettrici li qed jigu nvestigati."*

Illi nhar il-11 ta' Gunju, 2003 xehed **Joseph Camilleri** (fol. 47 et seq.) li ddikjara li huwa direttur ta' ITC Limited, li ghandha f'idejha d-distribuzzjoni esklussiva tal-MK Electrics. Esebixxa kopja tal-kuntratt t'esklusivita' li huma ghandhom mad-ditta barranija, li gie mmarkat bhala Dok. MD. Xehed li fis-sena 2001 kienu rcevew informazzjoni li x'aktarx li Master Electrics kienu qed ibieghu oggetti tal-marka MK, u li x'aktarx huma foloz. Allura s-socjeta' tieghu ghamlet l-investigazzjonijiet necessarji billi xtrat xi prodotti minghand Master Electrics, u li sussegwentement dawn intbaghtu l-Ingilterra ghand MK Electrics biex jigu ttestjati. Hawnhekk esebixxa invoice li giet immarkata bhala Dok. MD1. Esebixxa wkoll bhala Dok. MD2 rapport mahrug minn MK Electrics fejn gie konfermat li l-proditti fil-fatt ma kinux originali. Kompla li ftit wara kien kellmu klijent tieghu li qallu li circuit breaker tal-MK li kien gie nstallat ghandu, kien iharaqlu. Ghalhekk huwa talbu jgib dawn is-circuit breakers l-ufficcju biex jigu nvestigati, li

wkoll irrizulta li kienu foloz, fis-sens li ma kinux inxtraw minghandu w ma kinux originali.  Tramite kompetitur tieghu skopra li fis-suq kien hemm diversi prodotti foloz ohra fis-suq.  Jghid li l-imputat kien ghadda proceduri ohra quddiem Magistrat iehor, dwar ditta ohra.  Sar jaf li fis-suq kien hemm prodotti ohra tal-MK fis-suq u bdiet investigazzjoni relattiva.  Allura xtraw prodotti ohra minghand Raymond Abdilla, w esebixxa l-invoice relattiva li giet immarkata bhala Dok. MD3, li sussegwentement rega' rrizulta li ma kinux originali.  Dan ir-rapport gie esebit u mmarkat bhala Dok. MD4.

Ghalhekk qal li ma baqghux ibieghu iktar prodotti minn taghhom lil Abdilla, li ftit wara kien mar l-ufficcju tieghu biex jaghmel ordni sostanzjali tal-prodotti tal-MK ghall-valur ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) u allura gieghlu jissuspetta li ried jghatti l-prodotti foloz li kien qed ibiegh.  Din l-ordni giet esebita w immarkata bhala Dok. MD5.  Huwa xehed li sussegwentement mar ghand MK Electrics tal-Ingilterra w ha l-prodotti mieghu, fejn kellhom il-konferma li effettivament l-oggetti kienu foloz.  Esebixxa r-rapport relattiv li gie mmarkat bhala Dok. MD6.  Huwa kompla jghid li l-MK tant hadet din is-sitwazzjoni bis-serjeta' li ghamlu CD biex juru x'jigri meta jintuzaw il-prodotti foloz.  Din is-sentenza giet immarkata bhala Dok MD7.  Gie esebit dokument iehor tal-MK li gie mmarkat bhala MD8.  Fl-ahhar jghid li huwa kien jinforma lill-pulizija b'kull ma kien qed jaghmel u wara kien gie mgharraf mill-pulizija li kienet qabdet ammont ta' merca MK u l-kaz kien qed jigi nvestigat.

Illi nhar il-11 ta' Gunju, 2003 xehed ukoll **Alfred Scerri** (a fol. 92 et seq.) li ddikjara li hu sid ta' hanut *ironmongery* fin-Naxxar.  Ftakar li f'xi zmien, probabilment f'Jannar, il-pulizija kienu marru l-hanut tieghu.  Esebixxa invoice li tindika li l-hanut tieghu kien xtara diversi oggetti minghand Master Electric, liema invoice giet immarkata bhala Dok. AB.  Sahaq li minghand Master Electric hu kien xtara ghoxrin pin plug, bl-intendiment li dawk kienu tal-marka MK, u li minnhom kien biegh xi whud u l-kumplament ingabru mill-pulizija.  Spjega li wara li sehh dan, hu kien kellem lil Master Electric u dawn kienu hallsuh lura tal-

bilanc, ghalkemm ma kienx cert jekk hux fi flus jew merca ohra. Esebixxa wkoll ir-ricevuta li tawh il-pulizija meta elevaw l-oggetti li giet immarkata bhala Dok. AB1. Qal li huwa kien ilu jahdem bil-prodotti tal-MK ghal sebgha w ghoxrin (27) sena, li ghall-ewwel kien jixtrihom minghand ITC u mbaghad beda jixtrihom minghand Raynmond Abdilla. Tenna li minghand il-Master Electric kien xtara darba biss u li l-bicca l-kbira kien jixtri minghand Abdilla.

Fl-istess jum tal-11 ta’ Gunju, 2003 xehed ukoll **PS 130 Ivan Cilia** li kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minn Raymond Abdilla fl-4 ta’ Lulju, 2002, li fuqha gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Joseph Cordina u tal-istess Abdilla.

Dakinhar stess, cioe’ fil-11 ta’ Gunju, 2003 xehed **Alan Mamo** (a fol. 99 et seq.) li ddikjara li hu jahdem id-Dwana fis-sezzjoni fejn isir l-ipprocessar tad-dokumenti. Huwa esebixxa kopja awtentikata ta’ dikjarazzjoni rilaxxjata mill-Master Electrics dwar merkanzija rigwardanti xi switches gejjin mic-Cina, li giet immarkata bhala Dok. D, filwaqt li wera l-original lill-Qorti. Kompla li dan id-dokument li ghandu n-numru R229537 u huwa datat 17 ta’ Jannar, 2002, huwa tas-socjeta’ Master Electric Company Limited u jirrigwarda plugs u switches. Ma’ dan id-dokument hemm ukoll kopja awtentikata tal-fattura ta’ Sassin International Electric Company Limited li tinsab immarkata bhala Dok. D1. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-import license number 72350 li hija mmarkata bhala Dok. D2 u ohra bin-numru 72332 immarkata bhala Dok. D3.

Illi fis-26 ta’ Jannar, 2004 deher **PS 964 Robert Scicluna** (fol. 156) fejn iddikjara li hu kien gie nominat biex jigbed numru ta’ ritratti ta’ oggetti elettrici w jesebixxi r-relazzjoni relattiva. Fil-fatt huwa esebixxa din ir-relazzjoni konsistenti fi tlieta w sebghin (37) ritratt bil-kulur, seduta stante, w din giet immarkata bhala Dok. RC.

Fl-istess jum tas-26 ta’ Jannar, 2004 xehed **John Richards** in rapprezentanza tat-Trade Department u ddikjara li fuq talba li saritlu w minn ricerki li ghamel, irrizultalu li t-trademark MK International hija registrata fuq

Caradon MK Electric Limited. Mistoqsi jekk is-socjeta’ MK ghamlitx xi tibdiliet f’isimha wiegeb li jrid jaghmel il-verifiki fil-files tad-dipartiment.

Ix-xhud **John Richards** rega’ xehed fis-17 ta’ Marzu, 2004 w esebixxa zewg certifikati li juru trademarks tal-MK registrati f’isem Novar ED & S Limited, li gew immarkati bhala Dok. JC1 u JC2. Zied li skond dokumentazzjoni li hemm fit-trademark register, jidher li din it-trademark qabel kienet registrata f’isem Caradon MK Electric Limited, kif jirrizulta wkoll mid-dokument li hu kien esebixxa fix-xhieda tieghu precedenti.

Nhar is-17 ta’ Marzu, 2004 xehed **PC 474 Norbert Said** li kkonferma li d-dokument JC4 inserit fl-atti a fol. 34 huwa stqarrija rilaxxjata minn Emanuel Micallef wara li nghatatlu s-solita twissija. Zied li Micallef ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija, w fuqha x-xhud gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Cordina.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2005 xehed l-imputat **Raymond Abdilla (**a fol. 194 et seq.) fejn ikkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni. Spjega li kien ilu jahdem mal-ITC ghal xi tlettax-il sena, izda mbaghad tal-ITC qallu li ma setax ikompli jaqdih ghaliex ma kienx ghadu f’posizzjoni li jtih il-commission. Stqarr li huwa kien dahal f’commitment ma’ klijenti tieghu u biex jaqdihom kellu jgib il-prodott minghand haddiehor, ghalhekk innegozja ma’ Micallef. Qal li l-Master Electric tawh biss ‘discount’ normali li kien offrut lilu anke minn agenti ohra w isostni li x-xoghol li xtara minghandu kien tal-istess kwalita’, cioe’ MK, li kien jixtri minghand l-ITC, u li kien l-Ispettur li kien qallu li dan ma kienx originali tal-MK. Skond hu mix-xoghol li kien xtara kien lahaq biss b’valur ta’ hamsa w ghoxrin Lira Maltin (Lm25) u l-bqija ngabar mill-pulizija, u dak li biegh bieghu fl-istess kundizzjoni li xtrah. Qal li bis-sahha ta’ Micallef rega’ nfetahlu bieb ghan-negozju li kien inghalaqlu mill-ITC, pero’ dan kien talbu li jhallsu bil-quddiem, u hu accetta. Tenna li lil Micallef kien tah kampjuni tal-oggetti tal-marka MK li ried, u skond hu dak li hallas ghalih kien tal-marka MK.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux ricevuta tax-xoghol li xtara, wiegeb fl-affermattiv, ghalkemm stqarr li din ma kinitx f’idu meta l-pulizija marru w hadulu l-affarijiet, li kienu ilhom ghandu biss xi ftit jiem. Fil-fatt jammetti li r-ricevuta waslet ghandu xi ftit granet wara li kellem lill-pulizija, w gabarha mhux ghax talbuhielu l-pulizija, izda biex ikun jista’ jigbor il-VAT minn fuqha. Sostna li ghalih hu normali li jhallas ghax-xoghol minn qabel u li mal-Master Electric kien ilu jinnegozja zmien twil fuq merkanzija ohra, ghalkemm stqarr ukoll li din kienet l-ewwel darba li xtara oggetti tal-MK minghandhom. Stqarr ukoll li ghandu zewg ‘stores’, cioe’ wiehed fiz-Zurrieq u iehor fil-Mosta li pero’ ghadu qed jinbena. Qal li fil-Mosta kien izomm ix-xoghol li jiehu hafna spazju, w li x-xoghol tal-MK, cioe’ erbghin (40) kaxxa, kien hallih hemm ukoll, u mbaghad kien jiehu skond il-bzonn. Huwa qal li minghand l-ITC hu kien jixtri terz tal-oggetti li xtara minghand il-Master Electric, u dan minhabba l-fatt li filwaqt li minghand l-ITC kien imur jixtri regolarment, Micallef kien ghamel l-ordni proprju ghalih. Insista li l-kampjuni li kien ta lil Micallef meta ghamel l-ordni, kien xtrahom minghand l-ITC. Spjega li fil-prezent l-MK ghandha tliet (3) switches differenti ta’ l-istess item u l-code number in kwistjoni hu prezentat fi tliet (3) items. Sostna li ghalih l-importanti kien li Micallef igiblu x-xoghol, izda kif igibu ma kienx jinteressah. Mistoqsi jekk kienx halla xi kampjuni lil tal-Master Electric waqt li mar jaghmel l-ordni, wiegeb li ma jafx jekk kienx hadlu kampjun bil-kaxxa jew le ghax il-kaxxi mhux dejjem ikun fihom l-istess ammont ta’ prodotti, u lanqas ma ftakar jekk kienx hadlu xi switch wahdu jew bil-kaxxa. Iddikjara li ma jiftakarx dwar il-kaxxa ghax hu l-kaxx ma jbieghhiex, allura mhix importanti ghalih u l-ftehim kien biss dwar is-switch. Insista li s-switches u l-plugs li gew esebiti f’dawn il-proceduri mill-Prosekuzzjoni mhumiex l-istess tip ta’ dawk li l-pulizija hadu mill-istore tieghu.

F’dan l-istadju l-Qorti ordnat li d-deposizzjoni tal-imputat tkun sospiza.

L-imputat **Raymond Abdilla** kompla jixhed nhar il-31 ta' Jannar, 2005 (a fol. 199 et seq.) fejn meta gie muri d-dokumenti esebiti fl-atti, b'mod partikolari d-Dok. O, qal li z-zewg kaxxi orangjo mmarkati bhala Dok. JC li fihom ghaxar (10) plugs ta' 13 Amp-il wiehed mhumiex bhal tieghu. Sahaq li dak li xtara, hu xtrah bhala MK, u zied li meta l-pulizija qalulu li ma kinux originali lanqas biss tawh cans jivverifika, ghax qabdu w hadulu kollox. Qal li pero' l-packing tieghu kienu homor u blu filwaqt li dak muri fid-dokument hu ahmar biss.

Hawnhekk il-Qorti rrilevat li effettivament id-Dok JC6 jirreferi ghal oggetti li gew elevati minn Archway Ironmongery fin-Naxxar minghand certu Alfred Scerri.

L-imputat kompla jixhed li fl-ahhar zmien li xtara minghand l-ITC, l-forma tas-switches kienet giet mibdula, w li fil-fatt hu kien induna li kienu difettuzi w perikoluzi. Kompla jinsisti li l-ewwel darba li sar jaf li l-oggetti li xtara minghand il-Master Electric kienu foloz, meta beda jigi nvestigat, anzi zied li lanqas biss kien jaf li hawn imitazzjonijiet tal-MK. Sahaq li meta xtara minghand il-Master Electric, hu minghalih li xtara prodott originali. Esebixxa kopja tal-invoice relattiva ghax-xirja minghand Master Electric, datata 28 ta' Gunju, 2002, li giet immarkata bhala Dok. Z, u li l-original taghha l-imputat kien ghaddiha lill-Ispettur Cordina. Stqarr li Emanuel Micallef ma kienx tah l-invoice mill-ewwel, pero' zied li din kienet haga normali w li kien ilu zmien twil jinnegozja ma' Master Electric.

L-imputat cahad dak li gie suggerit lilu mill-Prosekuzzjoni li hu xtara oggetti tal-MK minghand l-ITC u minghand Master Electric fl-istess zmien, u rega' tenna li din kienet l-ewwel darba li xtara oggetti tal-MK minghand Master Electric. Spjega li filwaqt li l-ITC kienu jtuh skont ta' 5-7%, haddiehor kien irahhaslu 20%, u li l-invoice tinhadem billi l-ewwel tinghata l-commission u l-hlas isir fuq il-bilanc less commission. Ikkonferma li hu hallas lil Master Electric is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) qabel ma fil-fatt ha l-konsenja, pero' nsista li din kienet procedura normali. Ikkonferma li l-prezz muri fid-Dok Z huwa dak li hu hallas

lil Micallef, u li f'dak id-dokument il-commission kienet diga' maqtugha, jigifieri mal-prezz muri f'dan id-dokument wiehed irid izid l-20% tal-commission. Sostna li jista' jipproduci diversi invoices ohra biex jissostanzja dan. Imbaghad qal li t-tlett elef Lira (Lm3000) kien hallashom akkont u li l-kumplament hallsu mal-konsenja. Jghid li l-invoices tal-ITC hekk johorgu wkoll, u li dawn ma jkunux fiskali. Esebixxa invoice tal-ITC li giet immarkata bhala Dok. S.

Fil-31 ta' Jannar, 2005 xehed ukoll l-imputat **Emanuel Micallef** li ddikjara li huwa importatur u esportatur u li jipproduci pipes tal-plastic, u li minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, isiefer bosta drabi. Ftakar li kien mar ghal fiera fic-Cina fejn ghamel ordni fuq xi prodotti li kienu hemm esposti ghall-pubbliku. Dan ghamlu wara li Raymond Abdilla kien qallu li kellu problema mal-ITC ghax ma baqghetx tissupplixxih. Allura hu (x-xhud) issuggerielu li jgiblu stock tal-MK. Sostna li din il-konsenja tal-MK dahlet Malta regolarment, cioe' l-ewwel hu ra x-xoghol, ghamel l-ordni w meta x-xoghol wasal hawn hu tah lil Raymond Abdilla. Ikkonferma li dan kien hallsu taghhom bil-quddiem. Esebixxa d-Dokument X u kompla jispjega li VAT u dazju thallsu regolarment. Zied li malli sar jaf li l-pulizija kienet baghtet ghal Raymond Abdilla, huwa beda jindaga, fis-sens beda jara x'tipi ta' switches kellhom l-MK, fejn skopra li kien hemm diversi tipi. Sussegwentement kien hu stess li cempel lill-Ispettur u talbu appuntament biex ikellmu. Qal li hadlu diversi tipi ta' switches b'packing differenti, li hu stess kien xtara minghand l-ITC, biex jghidlu x'kien hemm fis-suq. Stqarr li dawn l-oggetti ma jinstabux fil-hwienet. L-imputat qal li kien talab lill-Ispettur sabiex jinvestiga l-kampjuni li wrieh u dan qallu li ma setax jilqa' t-talba tieghu. Xehed li l-Ispettur kien infurmat li fil-fatt l-MK kienu jipproducu wkoll fil-Malaysia, w kompla jghid li fil-fatt kien mar il-Malaysia biex jixtri bhalhom, pero' dawn il-prodotti ma kinux ghall-bejgh fl-Ewropa. Sostna li sahansitra kien mar ikellem lill-avukati tal-MK fl-Ingilterra, pero' dan kien qallu li ma setax ikellmu minhabba kunflitt ta' interess u li dan huwa l-avukat tal-ITC f'Malta.

Ikkonferma li jaf li hemm prodotti bil-marka MK li jinbieghu direttament lill-kuntratturi. Saritlu referenza ghal Dok. S, partikolarment ghall-ahhar pagna, cioe' invoice mibghuta lilu mis-socjeta' Ciniza, w qal li hu ma joqghodx isaqsi lill-bejjiegh jekk il-prodott ikunx xtrah jew ghamlu hu. Spjega li dak id-dokument hu necessarju ghall-importazzjoni tal-oggetti. Tenna li d-dokument originali jasal ghandu mal-invoices li jigu pprezentati d-Dwana. Ikkonferma li dan id-dokument u d-Dok. X it-tnejn igibu d-data tas-17 ta' Gunju, 2002, meta gie mportat ix-xoghol. Jispjega li dan id-dokument kien intbaghtlu bhala fax fl-10 ta' Gunju, 2002 biex jinqeda bih ghad-Dwana. Id-Dokument S jinkorpora d-dokumenti kollha li kellu bzonn biex seta' johrog ix-xoghol mid-Dwana. Ma setax jiftakar meta kien li Abdilla ordnalu dan ix-xoghol u lanqas ma ftakar jekk kienx tella' xi kampjun mieghu jew le, izda kien jaf dan x'kellu bzonn. Ma ftakarx li ha xi kaxxa jew switch mieghu. Ipprometta li f'seduta ohra jesebixxi l-passaport u l-Visa tieghu.

L-imputat **Emanuel Micallef** kompla jixhed fil-11 t'April, 2005 (a fol. 220 et seq.) fejn gie muri l-kaxxi esebiti f'dawn il-proceduri w ikkonferma li huma dawk importati minnu w li nstabu ghand Raymond Abdilla. Pero' qal li ra wkoll oggetti ohra tal-MK li ghandhom packing totalment differenti w li nxtraw minghand l-ITC minn certu Mario li hu kuntrattur. Esebixxa tliet pakketti, ricevuta tal-VAT u ricevuta mahruga mill-ITC fit-8 t'April, 2005. Esebixxa wkoll il-Cash sale delivery li l-Qorti mmarkat bhala Dok. X kif ukoll tliet kaxxi li gew immarkati Dok. Y komplessivament, kif ukoll ricevuta ta' l-items kollha.

Sahaq li meta ghamel l-ordni, kien talab li l-prodotti jkunu tal-marka MK, u zied li meta ntbaghtu mic-Cina hu ma kienx hemm u ghalhekk qaghad fuq l-agent fic-Cina. B'referenza ghad-Dok. X esebit fl-atti, qal li dan hu invoice mibghut lilu mill-importatur u tirreferi ghax-xoghol diga' esebit, u kkonferma li fuqu m'hemm indikat l-ebda isem. Rigward id-Declaration of Conformity esebita in atti spjega li hu jipprezenta dan id-dokument lid-Dwana bhala parti mill-importazzjoni u kompla li effettivament lanqas biss kellu bzonn import licence biex jimporta switches. Inoltre spjega li meta jesebixxi dokument lid-Dwana mhux dejjem

ikun hemm miktub il-marka tal-oggett li jkun qed jigi mpurtat.

Ikkonferma l-istqarrija li hu rrilaxxja fid-9 t'Awissu, 2002 u qal ukoll li din kienet it-tieni darba li mporta switches tal-MK minn barra.

Illi nhar it-13 ta' Lulju, 2005 xehed **Charles Montebello** (a fol. 228 et seq.) li ddikjara li hu mpjegat mal-imputat Emanuel Micallef li gharaf prezenti fl-Awla. Ftakar li fid-9 ta' Mejju, 2005 Micallef kien baghtu jixtri minghand l-ITC u fil-fatt esebixxa l-invoice relattiva datata 3 ta' Mejju, 2005 li giet immarkata bhala Dok ITC 3. Kien xtara ghoxrin (20) switch li esebixxa seduta stante ppakkjati f'zewg kaxxi b'mod separat u li l-Qorti mmarkat bhala Dok. ITC1 u ITC 2.

**Joseph Camilleri,** Managing Director tas-socjeta' ITC rega' xehed fis-27 ta' Lulju, 2005. B'referenza ghall-invoice immarkata bhala Dok. ITC 3 ddikjara li din hija cash sale datata 2 ta' Mejju, 2005 mahruga mis-socjeta' ITC. Ikkonferma li din tirrigwarda switches bhal dawk li jbieghu huma, fl-istess kaxex u li jigu mill-Ingilterra, ghalkemm iddikjara wkoll li fuqhom m'hemmx miktub 'Made in England'. Zied pero' li fuq il-kaxxa hemm sticker li tghid 'Supplied by MK Electric, UK', ghalkemm xorta ma setax jghid fejn jigu manifatturati. Biss jinsisti li hu xtrahom mill-UK u pprometta li f'seduta ohra jesebixxi invoice li turi dan. Sostna li hu qatt ma xtara minn Far East, Cina u Hong Kong. In kontro-ezami mbaghad ipprometta li jesebixxi wkoll kampjun tal-prodotti li jbiegh hu. Qal li ghalkemm mhux espert, f'dan ix-xoghol ilu aktar minn ghoxrin (20) sena.

Meta rega' xehed fit-12 ta' Gunju, 2006 (a fol. 249), **Joseph Camilleri** esebixxa Trading Licence u tnax (12)-il invoice tal-merkanzija MK li jgibu d-data mill-1 ta' Novembru, 2004 sal-24 ta' Dicembru, 2004 f'faxxikolu li gie mmarkat bhala Dok. Z. Dawn huma vera kopja tal-original. Maghhom esebixxa wkoll zewg samples immarkati Z1.

Xehed ukoll fil-15 ta' Jannar, 2008 (fol. 332) fejn esebixxa katalogu tal-MK immarkat bhala Dok. Z.

**Joseph Camilleri** kien riprodott fid-29 ta' Ottubru, 2009 (fol. 367) u esebixxa dokumentezzjoni orginali li rcieva mill-Ingilterra w li kopja taghhom diga' tinsab inserita fl-atti. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok. MC komplessivament.

**Is-Sur Camilleri** rega' xehed fid-19 ta' Lulju, 2011 fejn qal li Sprint hija parti mill-MK. Qal li fost ir-ranges kbar tal-MK li huma jimportaw, hemm wahda minnhom tissejjah Sprint. Qal li l-prodotti li huma jimportaw gejjin minn Essex fl-Ingilterra. Mistoqsi jesebixxi Certificate of Origin qal li d-dokumentazzjoni li kellu, fosthom dan, diga' tinsab esebita fl-atti. Fost id-dokumenti li hemm esebiti, qal li hemm ukoll fattura fejn hemm miktub li l-'Place of Origin' huma l-Ingilterra. Spjega li meta jimpurtaw il-merkanzija, huma ma jircevux Certificate of Origin peress li fl-Ewropa hemm Free Movement of Goods. Is-Certificate of Origin taghhom hija dik li semma li tkun indikata fl-invoices. Rega' spjega li meta oggetti jkunu mportati ghal Malta minn pajjiz iehor fl-Ewropa, ma tezistix Certificate of Origin. Spjega li Sprint u MK ghandhom prezzijiet differenti ghaliex il-prezzijiet tar-ranges ivarjaw skond l-oggett.

Fil-21 ta' Gunju, 2006 xehed **Raymond Azzopardi** (a fol. 287 et seq.) li ddikjara li huwa jahdem fil-verification room tad-Dwana. Qal li gie mitlub jaghti nformazzjoni dwar l-oggetti mportati mill-ITC f'Novembru 2004 u ddikjara li sa fejn jaf hu din il-merkanzija giet minn pajjiz fl-Ewropa u allura ma ssirx physical inspection taghhom, izda tigi biss iccekkjata d-dokumentazzjoni taghhom. Spjega li d-dokumenti jsiru d-Dwana. Gie muri Dok. NSO li qal li huwa Customs Entry, w spjega li dan id-dokument huma ma jittimbrawhx.. Zied li huma jiccekkjaw l-invoices pero' ma jzommux kopji taghhom u allura ma kienx f'posizzjoni jikkonferma li l-affarijiet indikati jkunu effettivament dahlu. Kompla pero' li l-procedura nbidlet minn mindu Malta dahlet fl-Ewropa fis-sens li xoghol li ghandu x'jaqsam ma'

Electrical Fittings li jkunu gejjin minn pajjiz iehor fl-Ewropa jiccekkjawlu biss id-dokumentazzjoni w jibqa’ ghaddej.

Ix-xhud **Raymond Azzopardi** rega’ xehed fis-17 ta’ Lulju, 2006 (fol. 290) fejn qal li hu kien gie mitlub jesebixxi dokument li jindika x’kienu l-prodotti tal-MK li kienet importat is-socjeta’ ITC f’Mejju 2004 u fis-sena 2006. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. Z.

Sussegwentement rega’ xehed fis-16 t’Ottubru, 2006 fejn gie mitlub jipprezenta UK Customs Invoice relatati mad-Dokument minnu pprezentat precedentement bhala Dok. Z. Ipprometta li jaghmel dan f’seduta sussegwenti.

**Raymond Azzopardi** xehed fis-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2006 (fol. 302) fejn b’referenza ghal dak mitlub minnu fis-16 t’Ottubru, 2006 qal li s-sistema tad-Dwana hija wahda elettronika w dokumenti per se ma jzommux. Ghalhekk hu talab il-fatturi rikjesti lin-negozjant involut u pprometta li jesebihom darb’ohra.

Xehed fit-22 ta’ Jannar, 2007 fejn b’referenza ghax-xhieda tieghu ta’ qabel qal li issa kien f’posizzjoni li jipprezenta d-dokumenti rikjesti pero’ l-ewwel ried jippreciza li disgha (9) minn ghaxra (10) huma ta’ ditta li m’ghandhomx x’jaqsmu mal-MK. Ghaldaqstant il-Qorti ezentatu milli jipprezentahom. Zied li kien hemm konsenja wahda biss tal-MK, u esebixxa d-dokumentazzjoni taghha. Irrizultalu li din il-konsenja ntbaghtet mill-Ingilterra. Din id-dokumentazzjoni giet esebita w immarkata bhala Dok. GD li tinkludi wkoll in-Notice of Arrival tal-merkanzija.

Dan ix-xhud, **Raymond Azzopardi**, rega’ xehed fis-seduta tat-30 ta’ Lulju, 2007 (fol. 324) fejn specifika li jokkupa l-kariga ta’ Head tar-Risk Management. Pero’ zied li mill-ahhar darba li xehed gie trasferit ghal ufficcju iehor u m’ghadx ghandu kompetenza jigbor informazzjoni. Qal li issa l-persuna responsabbli hija certu Frank Tartaglia.

Minkejja dan huwa rega’ xehed fil-Qorti nhar is-16 ta’ Settembru, 2008 (a fol. 343 et seq.) fejn informa lill-Qorti li

llum is-sistema tad-Dwana hija wahda ‘paperless’ u dokumenti originali ma jzommux u dan b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2004. Ghamel referenza ghad-dokument inserit fl-atti a fol. 285 u qal li huma m’ghandhomx dan id-dokument peress li jgib id-data tal-20 t’April, 2005 u peress li l-oggetti hemm indikati allegatament gew mill-Ewropa. Meta xoghol jigi mill-Ewropa, qal, id-dokumentazzjoni ma jarawhiex. Id-dokumentazzjoni tkun rikjesta kemm-il darba l-merkanzija tigi minn pajjiz barra mill-Ewropa, ghaliex ikun hemm dazju mpost. Allura fisser li jekk thallas xi dazju, dan ifisser li x-xoghol ingieb minn pajjiz li mhux fl-Ewropa. Qal li huma jiccekkjaw dak il-hin stess u jergghu jghaddu d-dokumentazzjoni lill-importatur. Tenna li kull ma jkollhom huwa print out tad-dokumentazzjoni tad-Dwana w ma jkollhom l-ebda dokumentazzjoni ohra.

In segwitu **Raymond Azzopardi** rega’ xehed nhar it-13 ta’ Mejju, 2009 (fol. 355) fejn esebixxa kopja ta’ pagamenti tat-taxxa li saru fuq dikjarazzjoni esebita fl-atti. Dawn iz-zewg pagamenti gew immarkati bhala Dok. Z1 u Z2 u nsista li d-Dwana m’ghandha fil-pussess taghha l-ebda dokumentazzjoni ohra.

Fid-9 ta’ Dicembru, 2009 xehdet **Ritianne Frendo** (fol. 376) li spjegat li meta jkun container il-Bill of Lading tghaddi direttament lill-Forwarder, li f’dan il-kaz kienu Thomas Smith u WJ Parnis England. Spjegat li l-containers in kwistjoni kienu kollha Free Release u ghalhekk m’hemmx bzonn ta’ Bill of Lading. Esebiet il-file relattiv bin-Notice of Arrival inkluz, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. Z. Ippromettiet li tesebixxi c-Certificate of Origin.

Fl-20 ta’ Jannar, 2010 xehed **Joseph Bowman** (a fol. 425 et seq.) ghan-nom u fl-interess tas-socjeta’ WJ Parnis England. Qal li hu gie notifikat biex jixhed il-gurnata ta’ qabel dwar xi xoghol li wasal Malta permezz ta’ trailer. Qal li dawn kienu tmien (8) packages electrical fittings li ngiebu Malta minn International Trading Company bi trailer number TR 71438 li wasal Malta fil-25 t’April, 2005. Fuq mistoqsija tad-Difiza jekk ghandux xi Bill of Lading

jew Certificate of Origin ta’ dawn l-oggetti, wiegeb li kellu bzonn jaghmel ricerka, ghalkemm zied li c-Certificate of Origin zgur li ma jkunx ghandhom ghaliex dan jinzamm mir-ricevitur, f’dan il-kaz International Trading Company.

**Joseph Bowman** rega’ xehed fit-2 ta’ Marzu, 2010 (fol. 430). Huwa esebixxa kopja ta’ manifest li gie mmarkat bhala Dok. JB u kopja tad-Delivery Order - Dok JB1, kif ukoll kopja tal-gate pass out immarkata bhala Dok. JB2.

Fl-istess jum tal-20 ta’ Jannar, 2010 xehed ukoll **Bernard Muscat** (a fol. 427). Dan iddikjara li huwa mpjegat ma’ Thomas Smith Co. Ltd u li gie mitlub jixhed dwar zewg konsenji li waslu Malta fl-2004 u ohra li waslet fl-2005. Qal li wahda minn dawn il-konsenji waslet Malta fi groupage container u t-tnejn l-ohra gew b’full load container. Qal ukoll li dawn huma electrical fittings u r-ricevutr kien International Trading Co. Ltd. Skond dokumenti tieghu jirrizulta li dawn kienu kollha Free Release, allura ma jkunx hemm Bill of Lading, jigifieri r-ricevitur imur ghandu, jigbor id-dokumentazzjoni w ikun jista’ jiehu x-xoghol. Zied li suppost il-klijent, cioe’ International Trading Co. Ltd., ikollu kopja tal-Bill of Lading u li Certificate of Origin ukoll ikun f’idejn il-klijent.

Ix-xhud **Bernard Muscat** rega’ xehed fl-1 ta’ Frar, 2011 (a fol. 463 et seq.) fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta’ General Manager ma’ Thomas Smith. Meta gie muri d-dokumenti esebiti a fol. 366 tal-atti, ddikjara li skond m’hemm indikat fuqhom jidher li huma Original Commercial Invoice. Mistoqsi jekk fosthom hemmx xi Bill of Lading, wiegeb li m’hemmx. B’refernza ghad-dokumenti esebiti fid-9 ta’ Gunju, 2010 qal li fosthom hemm Copies Non Negotiable Bill of Lading datati 15 ta’ Novembru, 2004. Qal li jista’ jkun li kien hemm Original Bill of Lading, u dan skond m’hemm miktub. Zied li skond dokumentazzjoni li ghandha Thomas Smith rigward il-konsenja li kienet gejja mill-Ingilterra, jidher li din kienet Free Release, cioe’ li ma kienx hemm bzonn issir against Bill of Lading. Mistoqsi fejn ikun il-Bill of Lading originali wiegeb li jista’ jkun li tkun ghand il-klijent u jista’ jkun ukoll li tkun ghandhom, ghalkemm mhux normali li tkun

ghandhom (l-agent). Pero' stqarr li f'dan il-kaz ma setax jikkonferma. B'referenza ghall-ittra datata 8 ta' Gunju 2010 mibghuta minn Always Freight UK Limited, jghid li ried jivverifika jekk id-dokument in kwistjoni kienx jinsab ghandhom.

**Bernard Muscat** rega' xehed nhar il-15 ta' Marzu 2011 u b'referenza ghax-xhieda li kien ta fl-1 ta' Frar 2011 huwa kien obbliga ruhu li jaghmel tfittxija biex jara jekk kellhomx the original bill of lading relatat ma dan il-kaz. Kien f'posizzjoni jesebixxi dan id-dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dok BM. Indika lill-Qorti u lill-partijiet kollha koncernati l-original ta' dan id-dokument u esebixxa fotokopja tieghu, liema fotokopja giet awtentikata minnu.

Illi fid-9 ta' Gunju, 2010 xehdet **Michelle Frendo** (a fol. 437 et seq.). Din esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. 1A li huma e-mail li rcevew mill-principali taghhom MK Electrics fit-2 ta' Marzu, 2010 fejn infurmawhom li kienu diga' baghtulhom il-Bill of Lading u li l-Bill of Lading originali (Dok. 1B) kien intbaghat lil Thomas Smith. Esebiet email ohra (Dok. 2) minghand MK datata 28 ta' Mejju, 2010 li tindika li l-original tad-dokument Bill of Lading kien jinsab ghand Thomas Smith sabiex seta' jsir ir-rilaxx tal-merkanzija. Esebiet ukoll Dok. 3 li hija wkoll e-mail mibghuta lil MK Electrics fl-4 ta' Gunju, 2010 minghand Always Freight, li huma x-shippers ta' barra. Spjegat li hawn kopja wahda biss ikun hemm tal-Bill of Lading u li din intbaghtet lil Thomas Smith. Giet esebita e-mail ohra datata 8 ta' Gunju 2010. Qalet li huma rcevew din l-email minghand MK Electrics fejn anness hemm statement mibghut minn Always Freight rigwardanti din il-kwistjoni tal-Bill of Lading. Ix-xhud inoltre esebiet kopja tal-Commercial Code, Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 321, fol. 60 – 327. Stqarret li huma m'ghandhomx Certificate of Origin per se, pero' ziedet li xtaqet taghmel referenza ghall-parti t'isfel ta' kull invoice fejn hemm indikat 'Please certify that the goods were brought with UK origin'.

Fil-15 ta' Marzu, 2011 xehed **Carmel Attard** li ddikjara li huwa jahdem gewwa t-Taqsima tal-Infurzar tad-Dwana li

minnha taghmel parti l-Fraud Squad. Dan xehed li fuq il-kaz ma jaf xejn u li m'ghandhom l-ebda records dwaru. Informa lill-Qorti li l-kap tas-sezzjoni tal-Fraud Squad huwa certu Emanuel Sammut.

**Emanuel Sammut, head of Investigations mad-Dwana** xehed fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2011 u spjega li meta tigi mportata merkanzija minn pajjiz fl-Ewropa ghall-Ewropa stess, id-Dwana ma tidholx fiha. Qal li huma ghandhom database dwar importazzjonijiet li jigu minn barra l-Ewropa. Huwa bbaza r-ricerka tieghu fuq is-snin 2004 u 2005 u ghal dawk is-snin ma sabx importazzjonijiet minn pajjizi barra mill-Ewropa. Saritlu referenza ghad-dokument a fol 272 tal-atti qal li din hija Commercial Invoice u fiha hemm indikat li x-shipper huwa mill-UK pero' l-prodotti huma manifatturati barra mill-UK. Huwa talab li jkollu cans jaghmel xi verifiki.

Id-deposizzjoni tieghu giet sospiza fuq ordni tal-Qorti.

**Is-Sur Emanuel Sammut** kompla jixhed fid-19 ta' Lulju, 2011 fil-kapacita' tieghu ta' Head of Investigations tad-Dwana. Qal li mid-dokumenti li ra esebiti, jidher car li l-prodott huwa certifikat li gie originat mill-UK. Sostna li d-Dwana ma tidholx jekk hemmx Certificate of Origin jew le u li m'ghandha l-ebda kontroll fuq merkanzija li tidhol mill-Ewropa stess. Zied li effettivament lanqas ghandhom dritt jitolbu invoice, ahseb w ara Certificate of Origin. Mistoqsi minn fejn tista' tinstab Certificate of Origin, qal li ghandhom ma tkunx zgur, jista' jkun li jkollhom l-ambaxxata u li sakemm ma jkunx hemm kaz ta' frodi jew evazjoni tat-taxxa, lanqas id-Dwana ta' barra ma tista' tghaddi din l-informazzjoni. Qal li huma ma jidhlux fi kwistjonijet ta' prezzijiet, dikjarazzjonijiet jew affarijiet bhal dawn. Mistoqsi ghaliex ma nvestigax dan il-kaz peress li hemm prezzijiet differenti, wiegeb li ma hassx li kien hemm bzonn li jaghmel dan peress li m'hemmx evazjoni ta' taxxa.

**Mario Portelli** xehed fis-6 ta' Marzu 2012 (fol. 485 et seq) fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Air Traffic Controller. Huwa stqarr li jigi habib tal-imputat u meta kien

ikollu bzonn kien jitlob lix-xhud biex jaghmillu xi korrispondenza. Huwa jiftakar li darba minnhom kien talbu sabiex jaghmel xi korrispondenza ma' kumpanija gewwa l-Ingilterra maghrufa bl-isem ta' MK. L-imputat kien talbu sabiex jistaqsi dirigenti tal-MK l-Ingilterra jekk certu range ta' switches tal-MK partikolarment dawk MK Sprint humiex originali jew u jekk sarux l-Ingilterra. Ix-xhud tenna li rcieva risposta mill-MK tal-Ingilterra li l-MK switches ma kienux originali u ma gewx manifatturati hemm. Huwa esebixxa kopja tal-emails u korrispondenza li giet skambjata bejniethom. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok Z. Ix-xhud ghamel dawn il-printouts u nnumerahom minn 1 sa 5. Din il-korrispondenza bdiet fl-4 ta' Ottubru 2008 u l-ahhar wahda hija datata 10 ta' Lulju 2008.

Mistoqsi kemm-il prodott ghandhom l-MK stqarr li huwa jista jwiegeb dwar id-domanda li ghamel u t-twegiba li rcieva. Huwa spjega li fl-email li baghat datata 4 ta' Ottubru 2008 l-informazzjoni li staqsa dwarha kienet dwar *Sprint instead of MK on the box*. Huwa effettivament tahom zewg sprint codes u tahom ukoll zewg MK codes u qalilhom li kien qed jistaqsi dwar *double socket outlets* kif wkoll *single socket outlets*.

**Mario Portelli** rega' xehed fil-5 ta' Frar 2013 (fol. 511) fejn saritlu referenza ghax-xhieda li kien ta fis-6 ta' Marzu 2012 b'mod partikolari b'referenza ghall-emails li huwa esebixxa f'dik l-istess seduta. Mistoqsi minn fejn gab dawn l-emails wiegeb li effettivament kien hu stess li baghthom u dan ghalkemm l-indirizz tal-hotmail huwa George Borg, dak huwa l-hotmail tieghu. Ix-xhud spjega li huma kienu holqu dan il-hotmail address proprju biex baghtu din il-korrispondenza. Fil-fatt hemm isem ix-xhud ukoll fl-ittri li baghat. Saritlu referenza ghad-dokument Z a fol 487 u qal li dik l-email giet mibghuta fis-7 ta' Ottubru 2008 u l-jum kien it-Tlieta u dan ghax huwa stil Amerikan.

**L-imputat Raymond Abdilla** reggha xehed fis-6 ta' Marzu 2012 (fol. 490 et seq) fejn iddikjara li huwa jiftakar li kien baghat ghalih l-Ispettur Joseph Cordina u kien interrogah u staqsieh fost affarijiet ohra minn fejn kien gab

din il-merkanzija. Huwa kien wiegbu li xtrahom minghand il-Master Electric u qallu li jekk jaghtih evidenza li effettivament kien xtrahom mis-suq lokali huwa ma kellux x'jaqsam. Fil-fatt kien prezentalu invoice u qallu basta l-originali. Huwa sostna li fl-esebiti ta' dawn il-proceduri hemm ukoll certu merkanzija li m'ghandhiex x'taqsam fil-konfront tieghu. L-imputat ikkonferma li l-oggetti li kellu jidentifika lill-Qorti ma kienux fil-packaging taghhom.

L-imputat esebixxa *cash sale delivery note* mahruga mill-ITC fid-19 ta' Settembru 2001 dwar zewg switches li esebixxa seduta stante, liema switches qed jigu mmarkati bhala Dok X1 u X2. Dawn is-switches minkejja li l-warrani taghhom huwa l-istess ghandhom code number differenti. Huwa stqarr li dawn iz-zewg switches ghalkemm ghandhom l-istess code number m'humiex l-istess. Huwa ma kienx wera dawn is-switches lill-Ispettur li kien interrogah. L-invoice giet immarkata bhala Dok X3.

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 2013 fejn il-Qorti wara li rat it-talba ta' Dr Tanti Dougall u n-nuqqas ta' oggezzjoni tad-difiza, innominat lil Dr Steven Farrugia Sacco sabiex jezamina l-emails u l-cash sales li kienu ezebiti fil-5 ta' Frar 2013 mill-imputat Raymond Abdilla.

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed fit-18 ta' April 2013 (fol. 515) fejn iddikjara li huwa kien gie nominat b'digriet ta' din l-istess Qorti sabiex jezamina numru ta' emails esebiti f'dawn l-atti. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghal fini ta' dan l-inkarigu. Ix-xhud spjega li hemm numru ta' affarijiet teknici kif imnizzla fir-rapport tieghu u tenna li minn *hard copy* huwa kwazi impossibbli li tasal ghal taghrif li hemm bzonn. Dan l-ezami jista' jsir biss minn soft copy. Minn ezami viziv ta' dawn l-emails hemm certu fatturi li jirrizultaw li dawn l-emails huma fil-fatt strambi ghalkemm huwa ma jistax jghid b'certezza jekk l-emails humiex fabbrikati jew alterati. Lanqas ma jista jghid minn naha l-ohra li dawn l-emails huma originali. Huwa sostna li jekk jinghata l-kompjuter ikun f'pozizzjoni hafna ahjar, anke jekk jinghata access ghas-servizz li ntuza. Huwa ddikjara li l-*hard copy* per se mhix l-ahjar prova. Ix-xhud

esebixxa r-relazzjoni tieghu li l-Qorti mmarkat bhala dokument SFS.

Rat ir-relazzjoni tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*a. “L-esponent jirrileva li kopja tal-emails moghtija lilu huma a fol 487 sa fol 489 tal-process. Inoltre l-esponent jinnota li dawn l-emails li rrizultaw huma hardcopies. L-esponent jirrileva wkoll li huwa ma rriskontra l-ebda cash sales, u ghalhekk din ir-relazzjoni hija limitatament fuq ezami tad-dokumenti a fol 487 sa 489 tal-process.*
*b. Illi sabiex isir ezami tajjeb u akkurat dwar email, il-mittenti u r-ricipjenti [possibilment aktar minn wiehed], is-suggett, id-data u l-kontenut, fi kliem iehor il-posta elettronika per se, wiehed ghandu jezamina mhux il-kopja stampata, izda s-softcopy, preferibbilment direttament minn fuq il-computer jew is-servizz li permezz tieghu wieged jaccedi ghal posta elettronika]. Dan ghaliex mis-softcopy biss wiehed jista’ jasal sabiex jikkonferma o meno jekk tali email hija ‘originali’, fabbrikat jew alterat.*
*c. Illi minn analizi viziv li sar minn fuq id-dokumenti a fol 487 sa 489 irrizultaw diversi fatturi, kif elenkati hawn fuq, li l-esponent ma setghax isib spjegazzjoni attendibbli ghal dawn il-fatturi. Dan fih innifsu mhux bizzejjed ghall-esponent sabiex jikkonkludi li tali emails huma bilfors fabbrikati, izda li minghajr is-softcopy certament l-esponent ma jistax jghid li tali emails huma originali, specjalment fid-dawl ta’ dak rilevat f’din ir-relazzjoni.*
*d. Illi certament l-esponent ma jhossx li d-dokumenti a fol 487 sa 489 jikkonstitwixxu l-ahjar prova.”*

**L-imputat Emanuel Micallef** xehed fil-25 ta’ Gunju 2013 (fol. 539) fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur fis-socjeta’ Master Electric u din il-kumpanija timporta xoghol minn barra u stqarr li kemm-il darba attenda fieri barra minn Malta in konnessjoni ma’ dan ix-xoghol. Huwa jimporta affarijiet tal-elettriku, tal-ilma u *building material*. Huwa jiftakar li kien attenda fiera u fost affarijiet ohra li kien hemm, kien hemm esebiti switches tal-MK. Din il-

fiera kienet ic-Cina u kienet fiera enormi. Qabel ma telaq ghal din il-fiera, kien mar bil-ghan li jfittex switches tal-MK ghax kien jaf li jezisti *parallel trading* u minn gewwa l-fabbrika ta’ Singapore kellu kuntatt maghhom anke sahansitra kien zar il-kumpanija taghhom, li hija fabbrika tal-MK. Din effettivament timmanifattura prodotti tal-MK. Ix-xhud esebixxa kopja tal-brochure li huwa kien gabar minn ghandhom fejn juru li hemm diversi pajjizi fejn jigu fatturati l-affarijiet tal-MK fosthom ic-Cina. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok Z1.

Ix-xhud tenna li l-prezzijiet ta’ Singapore ma kienux daqstant kompetittivi u ghalhekk baqa’ jfittex sabiex isib l-irhas prezz sabiex ikun jista’ jikkompeti specjalment mal-brand name Sprint li kienet qed tigi mportata hawn Malta, u dan ghax il-prodotti tal-MK kienu qed jinbieghu bi prezz orhos, wiehed kien immarkat Sprint u l-iehor MK. Huwa tenna li l-packing ta’ l-Sprint huwa differenti mill-packing ta’ l-MK, fejn l-MK ghandu packing originali, tal-MK ahmar u blu u l-Sprint kienu qed jigu mportati hawn Malta b’kaxxa bajda bi sticker fuqha. Fuq dawn is-switches li kienu qed jigu mportati hawn Malta bhala Sprint ix-xhud kien talab lil raprezentant hawn Malta tal-MK sabiex igib certificate of origin ta’ dawn il-prodotti, u fix-xhieda taghhom qaluli li dan id-dokument ma jezistix. Huwa sostna li mill-esperjenza li ghandu ta’ aktar minn tletin sena fuq importazzjoni, kull meta ntalab biex jipprezenta certificate of origin, dan dejjem ikun accessibli u jigi prezentat. Huwa ddikjara li biex dawn il-prodotti jidhlu hawn Malta irid ikollhom ic-CE certificate u lanqas ma gie esebit lil din il-Qorti ic-CE Certificate ta’ dawn il-prodotti. Ix-xhud tenna li l-original bill of lading li ilhom jitolbuha snin ma gietx esebita fl-atti, hawn biss kopja taghha.

L-imputat spjega li fuq id-dokumentazzjoni li giet esebita minn Mario Camilleri rigwardanti l-importazzjoni li saret bi prodotti ta’ l-Sprint, li suppost kienet *certified true copy* ghax naturalment gew esebiti kopji, bejn il-kopji li gew esebiti mir-rapprezentant tad-dwana li suppost kellhom jesebixxu l-istess kopja tal-fattura originali, wiehed minn dawn il-fatturi tinsab iffimata minn barra minn fejn allegatemant gie x-xoghol, u cioe’ dokument esebit a fol

263 u commercial invoice number 800920. Qal li din ma taqbilx ma’ dik li suppost hija l-invoice originali, u cioe’ mad-dokument esebit fl-atti. Anzi x-xhud ghamel korrezzjoni u qal li l-fol number kien 285 fuq *comercial invoice* bin-numru 610617 u dan id-dokument li gie prezentat minn naha tad-dwana ma jaqbilx mad-dokument li suppost huwa true copy u li gie prezentat minn Mario Camilleri u li huwa esebiet bhala att. Din hija karta a fol 285 u hija certified bhala true original tal-kopja minn Mario Camilleri u dik tad-dwana tinsab inserita fl-envelopp fil-volume 2 fol 366 u l-Qorti immarkat dan l-istess dokument bhala dokument CSH,  liema Dok CSH jinsab inserit fl-envelopp  immarkat bhala MC.

Ix-xhud tenna li fil-fatt il-merca li nstabet ghandu fil-fatt giet impurtata mic-Cina u kien hallas id-dazju fuqha wkoll, kif jirrizulta mid-dokumenti li kien esebixxa precedentement. Dawn huma l-istess oggetti li effettivament kien ra samples taghhom fil-fiera u kienu esebiti ghal kulhadd. Ghalhekk dak li qalet il-parti civili mhux minnu li l-MK  jipproducu fil-Far East mhux minnu skond kif jirrizulta mid-dokument Z1 esebit mix-xhud. L-imputat Micallef spjega li anke jekk wiehed jidhol fuq l-internet jsib dak li qed jghid huwa stess. Huwa filfatt importahom bid-ditta tal-MK bil-*packing* tal-MK, bil-*packing red and blue* kif inhu originali kif ukoll bid-*declaration of  confirmity* u dikjarati kif suppost. Pero’ hemm ukoll id-*declaration of confirmity*.

**Mario Portelli** rega’ xehed fil-5 ta’ Lulju 2013 (fol. 543 et seq) fejn iddikjara li l-emails li hemm esebiti fl-atti kien baghthom huwa stess. Sussegwentament huwa kien ipprova jiftah l-account ghax filfatt kien uzah biss ghal erbat ijiem meta kien baghat dawn l-emails pero’ ma rnexxielux jifthu. Huwa stqarr li bil-mezzi limitati li jaf hu ipprova jivverifika dak  li ghamel fl-emails. Huwa spjega li dahal fil-Microsoft biex jistaqsihom jekk setghux jifthulu l-account izda qalulu li una volta l-account ma jkunx attiv ghal certu zmien dan jinghalaq. Ix-xhud baghat ukoll email lill-istess Stephen Orel tal-MK fejn spjegali x’kien gara fit-2008, baghtlu kopja tal-emails li kien ipprezenta fil-Qorti u talbu biex jivverifika jekk dawn l-emails kinux effettivament

waslu ghandu. Pero’ ghadu minghajr risposta sal-gurnata tal-lum. Huwa ma kienx kuntent b’dan u cempillu.

Ix-xhud spjega li fl-ewwel email li kien baghat lil MK kienet ghamlet kuntatt miegehu certu wahda Sonia Montfort u din taghtu n-numru tat-telefon tal-inginier Stephen Orel. Meta cempel wiegbu certu Peter li konjomu ma jiftakrux u qallu li Stephen Orel ma kienx ghadu jahdem mal-MK ghal dawn l-ahhar xhur. Din il-konversazzjoni saret f’April 2013. Ix-xhud talbu xi email address jew xi haga kif jista’ jikkomunika mieghu pero’ ma tah l-ebda widen minhabba d-*data protection.* Ix-xhud staqsieh jekk jistax jghaddi xi nformazzjoni lilu u qallu li ma kienx il-lok.

In segwitu x-xhud sar jaf li fl-akkademja tal-Pulizija tezisti Cyber Crime Unit u ghalhekk mar jitkellem ma’ Mr Stefan Decelis u talbu sabiex jiftahlu l-account tieghu. Pero’ dan ukoll qallu li peress li kien ghadda certu zmien kien impossibbli ghalihom u qallu li huma jaghmlu sa sitt xhur ilu biss. Ix-xhud sostna li huwaipprova jaghmel dan kollu sabiex jipprova jghin.

Ix-xhud tenna li dwar dak kollu li qal huwa esebixxa kopja tal-ittra li baghat lil Microsoft li giet immarkata bhala Dok. ST, l-email li baghat lil Stephen Orel li giet immarkata bhala Dok. ST1. Huwa spjega li t-telefonata qieghda fuq il-kompjuter u qieghda rekordjata fuq Skype. Ix-xhud esebixxa wkoll l-original tal-kopji tal-emails li kien esebixxa u qal li dawn huma kif hargu mill-printer u gew immarkati bhala Dok. ST2. Huwa sostna li dak li ma jidhirx fil-kopja, f’dawn l-emails tidher carissima. Dawn l-emails saru fl-2008 u mhux kif allegatament intqal fl-2013 u kopji taghhom saru wkoll fl-2008. Ix-xhud m’ghandu l-ebda oggezzjoni illi l-account tieghu jinfetah jekk huwa possibbli. Mistoqsi jekk jafx jekk dan Stephen ilu sentejn ma jahdem mal-MK wiegeb li ma jafx. Huwa jaf biss illi ilu ma jahdimx ghal xhur ghax kien qallu dan id-diskors Peter u x-xhud kien baqa’ bla risposta minghand Stephen.

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati gew akkuzati b'dak li jiddisponi l-**Artikolu 298 B tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

**298B** (1) "*Kull min, għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, jistampa, jimmanifattura, jidduplika jew mod ieħor jirriproduċi jew jikkopja, jew ibiegħ, iqassam, jew mod ieħor joffri għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha, jeħel, meta jinsab ħati, .......".*

Illi skond is-sub inciz (2) tal-istess diposizzjoni *"Proċedimenti taħt dan l-artikolu ma jistgħux jittieħdu ħlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Illi ghalhekk skond din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu addebitati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontemplaw ksur ta' drittijiet ta' awtur cioe' copyright. Ai termini tas-subinciz (2) tal-Artikolu 298B procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta bic-car li ma giet esebita l-ebda kwerela ghan-nom tas-socjeta' estera MK Electric Limited kif rikjesta mil-ligi. Fl-atti hemm biss 'power of attorney' moghtija lil Dr Michael Tanti Dougall datata 2 ta' Novembru 2011 sabiex ikun jista' jidher f'isimha bhala attur jew konvenut f'kawza civili jew kriminali. Ma hemmx indikat li din is-socjeta' estera qed titlob lill-pulizija ezekuttiva sabiex tiehu passi kontra l-imputati odjerni fuq l-akkuzi in desamina u cioe' ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur.

Hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti qed taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha stess nhar il-5 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Theresa Cachia et'** fejn il-Qorti sostniet li proceduri bhal dawn m'ghandhomx jigu inizjati mill-pulizija esekuttiva jekk f'idejha ma jkollhiex gja l-kwerela minghand l-allegat vittma. Issa f'dan il-kaz jirrizulta minnufih li l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex il-kwerela tal-parti offiza u ghalhekk qatt ma

setghet tinizja proceduri fil-konfront tal-imputati u totalizzat b'dan ir-reat in desamina. Dan id-dokument u cioe’ l-kwerela hija rikjesta *sine qua non* mill-bidu nett tal-proceduri u cioe’ mal-prezentata taghhom ghaliex minghajrhom il-procedimenti odjerni m'ghandhomx jigu inizjati.

Dwar dan, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta w ghoxrin ta' Awissu, 1998 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Gaudenzia Borg’** u **‘Il-Pulizija vs Alexander Pisani’** moghtija nhar il-hamsa ta' Marzu, 1997.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija ricentement minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija [Supretendent Carmelo Magri] vs Nadine Cutajar’** nhar it-18 ta’ Frar 2013 fejn f’din il-kawza dik il-Qorti kienet illiberat lill-imputata minn din l-istess akkuza u cioe’ ta’ ksur tad-drittijiet tal-awtur appuntu ghaliex fl-atti kien hemm esebita ittra mahruga f’isem Playmobil Malta Ltd meta mid-dokumenti esebiti minn John Richards f’dik il-kawza jirrizulta li s-sid ta’ dak registrat (trademarks mhux copyright) kienet is-socjeta’ estera Geobra Brandstatter GmbH & Co. L-ittra mibghuta lill-pulizija u esebita bhala kwerela tindika li s-socjeta’ Playmobil Ltd kienet qed tagixxi f’isimha stess u mhux in forza ta’ xi prokura lilha moghtija mis-socjeta’ Geobra Brandstatter GmbH & Co.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 172 li huwa ‘extract from Trademarks Register’ datat 4 ta’ Dicembru 2003 li l-*present proprietor* tal-oggetti tad-ditta MK imsemmija f’dan l-istess dokument hija s-socjeta’ Cardon MK Electric Limited u fl-atti ma hemm l-ebda kwerela moghtija lill-pulizija esekuttiva minnha sabiex proceduri kriminali jigu inizjati kontra l-imputati odjerni.

Illi ghalhekk stante dan in-nuqqas procedurali din il-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja ta’ din l-akkuza moghtija ai termini tal-**Artikolu 298B tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputati gew ukoll akkuzati bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 298 (1) u (c) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li "*ghamlu uzu xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblem",* tas-**subinciz (e) tal-Artikolu 298 (1) tal-Kap 9** u cioe' talli "*waħħlu fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza"* u tas-sub inciz **(f)** tal-**Artikolu 298(1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' "*talli xjentement qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammu għandhom għall-bejgħ jew jimportaw għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbħin b'qerq*".

Illi permezz ta' din id-disposizzjoni l-Ligi mhux qed tikkomtempla falsifikazzjoni, imma uzu ta' marka jew emblema li jkun fiha xi indikazzjoni li tista' tqarraq, u bejgh ta' merkanzija b'xi marka jew emblema li jkunu imxebbhin b'qerq; cioe' uzu ta' xi marka jew emblema li ghalkemm possibilment mhux identika ghal dik originali, ikollha xi ndikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej billi tqieghdu taht l-impressjoni li qed jixtri prodott differenti minn dak li fil-fatt qed jixtri.
Fi kliem iehor dak li qed tipprojbixxi l-ligi permezz ta' din id-dispozizzjoni huwa l-uzu ta' marki li minhabba xebh jistghu jinducu lill-konsumatur li jixtri prodott bl-impressjoni li qed jixtri prodott iehor.

Jinghad li l-Prosekuzzjoni jehtieg li tipprova li l-imputati xjentement *(sottolinear minn din il-Qorti)* ghamlu dak li qed jigu akkuzati bir-reat kif ipotizzat fl-Artikolu 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ikun utli sa minn dan l-istadju bikri li l-Qorti tezamina dak li qalu l-imputati fil-bidu tal-investigazzjoni li sehhet aktar minn ghaxar snin ilu sabiex tara jekk tali element irrizultax u dan ghaliex meta l-imputati xehdu l-Qorti ricentement jista' jkun li kienu aktar kawti b'dak li qalu. Importanti wkoll li din il-Qorti tara jekk hemmx xi inkonsistenza bejn dak li qalu fl-istqarrija u dak li qalu viva voce l-Qorti u dan mill-punto di vista sabiex jigi stabbilit jekk l-imputati humiex konsistenti u attendibbli f'dak li qalu.

L-imputat **Emmanuel Micallef** kien irrilaxja stqarrrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe' nhar id-9 ta' Awwissu 2002 (fol. 34, Vol. 1) liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. JC 4 u minn ezami tal-istess. Huwa kkonferma li verament kien importa xi affarijiet tal-elettriku mic-Cina u dan f'Ottubru/Novembru 2001 u fost l-oggetti li importa kien hemm xi merkanzija tal-MK. Ikkonferma li fil-fatt l-oggetti li mporta kellhom il-marka MK u ma setax jghid x'kien fihom biex ma jkunux originali. Huwa gie wkoll mistoqsi sabiex jipprova lill-pulizija esekuttiva li dawn l-oggetti gew importati legalment hawn Malta u pprometta li jaghmel hekk fi stadju ulterjuri.

Ix-xhud Alan Mamo li jahdem id-Dwana esebixxa kopja tat-*trading licenses* in kwsitjoni li abbazi taghhom dahlet il-merkanzija Malta proprjeta' tas-socjeta' MK Electrics li gew immarkati bhala Dok. D2 U D3 u esebixxa wkoll kopja tal-fattura li kienet annessa mal-*import license* li giet immarkata bhala Dok D1. Dan id-dokument ahhari huwa l-invoice relattiva li giet mibghuta mis-socjeta' Sassin International Electric Co. Ltd u fuqha hemm indikat li l-oggetti mixtrija kienu tal-marka MK.

L-imputat Emanuel Micallef ghazel li jixhed ghalkemm ma kienx obbligat li jaghmel dan u dan sehh fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2005 u spjega illi huwa fil-fatt jahdem ta' importatur u jipproduci pipes tal-plastic. Qal li x-xoghol tieghu igieghlu jaghmel hafna safar u ftakar li darba minnhom kien mar ic-Cina u ra xi prodotti fil-fiera fejn kien hemm miljuni ta' nies u ghamel ordni relattiva sabiex jimporta numru ta' accessorji tal-elettriku tal-marka MK. Huwa esebixxa numru ta' dokumentazzjoni relatata ma' din l-importazzjoni. Qal li huwa kien jaf xi xtaq il-klijent u cioe' l-ko-akkuzat Raymond Abdilla u ma ftakarx jekk effettivament kienx ha s-samples li kien tah Abdilla mieghu meta mar jaghmel l-ordni. Qal li jaf pero' li Abdilla kien hallas ghal dawn il-prodotti qabel ma waslu hawn Malta. Huwa esebixxa ukoll 'declaration of conformity' mahruga mis-socjeta' Ciniza dwar l-MK switches li huwa importa (fol. 215). Huwa gharaf il-mekanzija esebita l-Qorti bhala l-merkanzija li kien importa huwa stess u li giet migbura minghand il-ko-akkuzat Abdilla.

Illi nhar il-25 ta' Gunju 2013 (fol. 539) spjega li meta mar ic-Cina kien qed ifittex oggetti tal-marka MK ghaliex kien jaf li kien hemm parallel trading ma' xi fabbriki gewwa Singapore. Fil-fatt esebixxa kopja tal-brochure li kien gabar minn din il-fiera li hija mmarkata bhala Dok ZI u minn ezami tal-istess jirrizulta li effettivament l-prodotti tal-MK jigu manifatturati kemm fic-Cina kif ukoll fil-Malasya u f'Singapore u Indonesia. Qal li huwa importa l-prodotti tal-MK bl-istess packing tal-MK u cioe' packing read and blue kif inhu originali bid-*declaration of conformity* u cahad li kien jaf li l-oggetti ma kinux genwini.

**L-imputat Raymond Abdilla** wkoll kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar l-4 ta' Lulju 2002 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok JC a fol 29. F'din l-istqarrija l-imputat Abdilla kkonferma li l-merkanzija li huwa kellu tal-marka MK kien xtraha minghand is-socjeta' Master Electrics kif rapprezentata mill-ko-akkuzat Emmanuel Micallef. Qal li efettivament ma kellux ricevuta ta' dan ix-xoghol ghaliex kien hallas ghalih qabel ma gie mghoddi lilu. Spjega li huwa kien klijent tas-socjeta' ITC u kien ilu zmien jixtri l-oggetti tal-MK minghandha pero' kien wasal zmien meta ma riedux ituh aktar il-commission u ghalhekk ma xtarax aktar minghandhom. Qal li huwa kien tkellem mal-ko-akkuzat u qallu li seta' jaqdih pero' xtaq li jithallas bil-quddiem. Huwa ma sabx oggezzjoni ghal dan u hallsu bil-quddiem u Micallef importalu l-merkaznija mitluba. Qal li kien hallas is-somma ta' tlett elef lira Maltin ghall-ordni li kien ghamel. L-ufficcjal prosekutur staqsih domanda pertinenti hafna sabiex jigi stabbilit il-*mens rea* li seta' kellu dan l-imputat u ex admisses qallu "*jekk nghidlek li kont taf li dan ix-xoghol mhux originali u b'hekk xtrajtu orhos minn normal xi tghid?".* L-imputat Abdilla wiegeb li "*illum tant hawn kompetizzjoni li l-fabbriki originali jimpurtaw xogholhom minn pajjizi ohra u hafna mill-agenti nahseb li qeghdin imorru through the right manufacturer, prova ta' dan fl-Ingilterra fejn qabel kienu jesportaw id-dinja kollha materjal diversi, illum il-gurnata saru jimpurtaw hafna minn pajjizi ohrajn. L-agenti illum qed jaqbzu l-mother company u jixtru dirett il-prodott originali minn pajjizi ohra. Jien dik hi l-impressjoni li qed*

*issir. Nghid ukoll li jien ma xtrajthomx bi prezz baxx hafna. Ghal kwantita' li xtrajt minghand il-Master Electric kien discount normali. L-iskop proprju kien ghaliex jiena ridt li jkolli xoghol biex nahdem bih u cioe' prodotti tal-MK halli meta xi klijent jitlobni din il-marka partikulari nkun nista' naqdih."*

Illi d-difiza bdiet it-trattazzjoni taghha billi fakkret lill-Qorti dwar il-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe' r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza *[*vide '**Il-Pulizija v Antonio Schembri'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandux ikollhom l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi dikjarat liberat. Din hija l-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **'Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et',** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et':** *'u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju jkun dak dettat mir-raguni.'*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli

ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader*'*** *hemm referenza ghal dak li qal* ***Lord Normand*** *fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen' [1952] AC 480, 489**.*

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament l-imputati kkoloboraw mal-Prosekuzzjoni u taw spjega tal-partecipazzjoni taghhom fir-rigward tal-incident in kwistjoni u cioe' Micallef spjega kif kien importa dawn il-prodotti esebiti tal-marka MK u Abdilla spjega kif kien xtrahom minghand il-ko- akkuzat Micallef. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma ipprovat li l-imputati kienu xjenti li effettivament kienu qed ibieghu oggetti li kienu falsifikati jew li kellhom xi arma li ma kinitx tixbah il-marka originali. Dan hu l-esercizzju li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-htija tal-imputati fir-rigward tar-reati kif dispost fl-**Artikolu 298 (1) u (c) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta li "*ghamlu uzu <u>xjentement</u>, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblem"* u dak previst fis-sub inciz **(f)** tal-**Artikolu 298(1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' "*talli <u>xjentement</u> qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammu għandhom għall-bejgħ jew jimportaw għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbħin b'qerq*". Il-legislatur haseb ghal kelma xjentement u ghalhekk kien jispetta lill-Prosekuzzjoni taghmel aktar enfasi fuq il-*mens rea* milli fuq l-*actus reus* u cioe' x'ghamlu biex spiccaw b'din l-importazzjoni. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova kemm kienu hallsu ghal dawn il-prodotti u kemm kienu jiswew sabiex tipprova l-element irrizorju fil-bejgh tal-prodott. Setghet tipprova jekk b'xi mod l-imputat Micallef svijax lill-Awtoritajiet bid-

dokumentazzjoni li pprezenta. Zgur pero' li l-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciment morali li l-imptutati kienu jafu u kienu qed jagixxu xjentement biex iqarqu lix-xerrej dwar is-sorta tal-merkanzija molto piu' meta tqis li illum verament hemm parallel trading u prezzijiet ivarjaw minn post ghall-iehor.

Huwa minnu li l-Qorti kienet innominat lill-Professur Joseph Agius b'digriet taghha tat-3 ta' April 2003 (fol. 28) sabiex jezamina l-prodotti esebiti u jirrelata dwarhom. Il-Professur Agius ipprezenta r-relazzjoni tieghu nhar is-26 ta' Jannar 2004 (fol. 123) u kkonkluda illi kien hemm numru sew ta' differenzi fl-ghamla daqs dettalji fid-disinn fl-istil manifattura u kostruzzjoni, 'finishing' u kulur tal-accessorji elettrici investigattivi li wassluh jikkonkludi li effettivament tali accessorji kienu falsifikati. Pero' jghid li minhabba nuqqas ta' facilitajiet ta' rizorsi ma kienx prattikament vijabbli li jigu esebiti t-testijiet elettrici mekkanici u kimici sabiex jigi determinat b'aktar dettall u ezattezza d-differenza fil-livelli tal-kwalita' tal-manifattura u tal-materjal involuti fil-produzzjoni tal-accessorji elettrici ffalsifikati li qed jigu hawn investigat. Minkejja din il-konkluzjoni l-Prosekuzzjoni ma talbitx zieda fin-nomina tieghu sabiex isir dan l-esercizzju. Ghalhekk ghandha biss rapport li jirrelata fuq dak li ezamina l-espert minn colpo d'occhio u mhux minn xi ezami xjentifiku.

Dan kollu isahhah il-prova li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-imputati kienu qed *jaghmlu uzu* _*xjentement*_*, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblem"* u "*talli* _*xjentement*_ *qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammu għandhom għall-bejgħ jew jimportaw għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbħin b'qerq*".

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1987 fl-ismijiet **_Il-Pulizija v Joseph Chetcuti_** fejn gie ritenut li "l-ligi tesigi l-ahjar prova, cioe' l-ezami tal-oggett."

Illi ghalkemm din il-Qorti ma tistax toqghod fuq id-diversi dokumenti u relazzjonijiet tax-xhieda migbura mill-parte civile Joseph Camilleri u dan ghaliex tali prova zgur li hija prova ex parte u mhix bizzejjed sabiex abbazi taghha din il-Qorti issib htija. Setghet tintuza biss mill-espert nominat minnha f'kaz li dehrlu li kien il-kaz ghalkemm ma jaghmel ebda referenza ghal xi dokument esebit mill-parte civile.

Cioe' nonostante pero' din il-Qorti hija tal-fehma li l-oggetti importati mhumiex prodotti originali tal-MK u dan in vista ta' dak li irrelata l-Professur Agius pero' peress li l-Prosekuzzjoni ma ipprovatx li l-imputati agixxew xjentement, din il-Qorti ghandha per forza tillibera lill-imputati minn tali akkuza.

Jibqa' ghalhekk l-akkuza kif naxxenti fis-**sub inciz (e) tal-Artikolu 298 (1) tal-Kap 9** u cioe' talli "*waħħlu fuq merkanzija deskrizzjoni kummerċjali falza".* Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li kienu l-imputati li effettivament wehhlu dawk il-marki tal-MK fuq il-prodotti elevati minnhom. Illi bir-rispett kollu pero' l-Prosekuzzjoni dan m'ghamlitux ipprovat biss li hafna mill-prodotti li kien importa Emmanuel Micallef u fil-fatt hafna minnhom gew migbura minn gewwa garaxx proprjeta' tal-imputat Abdilla kellhom dawn il-marki. Pero' hadd ma jghid li dawn gew imposti mill-imputati. Anzi l-imputat Emmanuel Micallef wera bl-esibizzjoni tad-dokumenti li fil-fatt huwa kien importa l-prodotti gja indikati bhala prodotti tal-MK u ghalhekk zgur li tali esercizzju ma sarx mill-imputati odjerni.

Dwar l-akkuza li huma operaw minghajr licenzja kif disposta fl-Avviz Legali 120 tas-sena 1992. Minn ezami ta' dan l-avviz legali jirrizulta li fil-kuntest tal-kawza odjerna, din d-disposizzjoni li tipprovdi essenzjalment li min ikollu licenzja tal-pulizija biex izomm hanut jew licenzja ta' hawker, u b'xi mod ikollu ghal bejgh jew ibiegh xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur, li jkollu persuna ohra u li jkunu protetti bil-ligi ta' Malta jew taht il-ligi ta' Malta, jitqies li jkun qieghed izomm dak il-hanut jew dik il-posta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

M’hemmx dubju li l-parte civile Joseph Camilleri ghannom tas-socjeta’ ITC ghandu registrat it-trademark MK u ghalhekk skond il-ligi ta’ Malta huwa l-istess Camilleri li ghandu l-uzu ta’ tali trade mark. M’hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni ipprovat li l-imputati ghandhom hanut u kienu qed ibieghu prodotti tal-MK li kienu falsifikati u ghalhekk ghandhom jinstabu hatja ta’ dan ir-reat.

Illi l-Prosekuzzjoni pero’ iccitat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputati. L-Att huwa l-Kap 441 li huwa ntitolat ‘Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ’. Dan għandu 7 Avviżi Legali maħruġin taħtu u fosthom hemm dak li kien Avviż Legali 1 tas-sena 2006 u li llum huwa Avviż Legali 441.07. L-Avviż Legali 2006 Numru 1 kien emendat għoxrin darba minn meta deher għall-ewwel darba. Il-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa kompost minn tnejn u ghoxrin (22) artikolu, bl-artikolu li jitratta *‘reati u pieni’* jkunu l-Artikolu 18. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni tal-akkuza non ezistenti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298(1), 298B u 533 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 29 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati RAYMOND ABDILLA u EMANUEL MICALLEF hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom salv u b’eccezzjoni tal-ahhar akkuza u cioe’ dik naxxenti mill-Artikolu 2(1)(i) tal-Avviz Legali 120 tas-sena 1992 u tikkundannhom il-massimu permess mill-ligi ghall-kontravenzjonijiet skond is-sub inciz (2) l-Artikolu 2 ta’ l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992 ghall-hlas ta’ ammenda ta’ sitta u hamsin ewro (€56).**

**Oltre dan tordna li l-prodotti kollha esebiti fl-atti ta’ din il-kawza jigu konfiskati favur il-Gvern ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------